MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 240/1997/1

**Angelo Attard u Margerita Attard**

**Vs**

**Anthony Attard u Maria Carmela sive Marlene Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat minn Angelo Attard u Margerita Attard permezz ta' liema jitolbu li Anthony Attard u Maria Carmela sive Marlene Attard jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' mitejn tnejn u sittin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm262.50), illum ekwivalenti ghal €611.46, rapprezentanti arretrati ta' imghax fuq is-somma ta' Lm3,500, illum ekwivalenti ghal €8,152.81, li Angelo Attard silef lil Anthony Attard, u dan skond skrittura privata annessa ma' l-Avviz u markata Dok. "A", bl-imghax legali dekoribbli mill-1 ta' Jannar 1997 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 18 ta' Dicembru 1996, kontra Anthony Attard u Maria Carmela sive Marlene Attard;

Rat l-iskrittura privata datata 29 ta' Novembru 1994 a fol. 2 tal-process;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Attardipprezentata fil-25 ta' Marzu 1997 permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) in linea preliminari, l-Avviz huwa null ghaliex ma giex ipprezentat minn mart l-attur ukoll u ghaliex ma gietx citata bhala konvenuta martu u dana stante li ai termini ta' l-Artikolu 1322(2) u (3)(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, is-self ta' flus jew it-tehid ta' flus b'self huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja u d-dritt li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja hu vestit fiz-zewg konjugi flimkien; u li (ii) kemm-il darba l-ewwel eccezzjoni kellha tigi michuda, martu Maria Carmela sive Marlene Attard, ghandha tigi citata fil-kawza;

Rat id-Digriet ta' l-4 ta' Gunju 1999 li bih giet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi wara l-kliem "Angelo Attard" jizdiedu l-kliem "u Margerita Attard" u li wara l-kliem "Anthony Attard" jizdiedu l-kliem "u Maria Carmela sive Marlene Attard";

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Carmela sive Marlene Attard ipprezentata fit-30 ta' Novembru 2000 permezz ta' liema teccepixxi: (i) preliminarjament in-nullità ta' l-Avviz stante li mart l-attur ma giex citata fl-avviz kif titlob il-Ligi; u (ii) fil-mertu, hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma jezisti l-ebda obbligu u/jew rabta kif pretiz fl-Avviz;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut fit-8 ta' Marzu 2002 permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) in linea preliminari, id-dezerzjoni tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 963 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li bejn id-data ta' l-Avviz li gie originarjament ipprezentat fit-13 ta' Frar 1997, li imbaghad gie sussegwentement korrett b'Digriet datat 4 ta' Gunju 1999, u n-notifika lilu ta' l-Avviz kif korrett, ghaddew aktar minn sitt xhur biex jinghalqu l-proceduri bil-mikub kif preskritt mill-Ligi; (ii) in linea preliminari wkoll, in-nullità ta' l-azzjoni odjerna stante li

trattandosi ta' imghax fuq self, din suppost giet ezercitata *ab initio* flimkien ma' mart l-attur u wkoll kontra martu a tenur ta' l-Artikolu 1322(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-jedd li wiehed iharrek u jigi mharrek dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja imissu lill-mizzewgin flimkien, u dan ma sarx f'dan il-kaz. Dana ma seta' qatt jigi sanat bil-korrezzjonijiet awtorizzati bid-Digriet ta' l-4 ta' Gunju 1999, ghax b'hekk zdiedu l-partijiet godda fil-kawza b'mod li giet effettwata s-sustanza tat-talba u ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut; (iii) l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(d) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-iskrittura ta' self li fuqha hija bbazata l-azzjoni tirrisali ghad-29 ta' Novembru 1994; (iv) l-allegat self huwa null peress illi dan ma sarx bl-intervent u partecipazzjoni taz-zewg konjugi kemm min-naha ta' l-attur kif ukoll min-naha tieghu, kif jesigi l-Artikolu 1322(2) u (3)(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li s-self kien jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja li suppost gie ezercitat miz-zewg konjugi flimkien fuq iz-zewg nahat; u li (v) l-ammont mitlub fl-Avviz f'kull kaz ma huwiex dovut;

Rat is-sentenza preliminari pronuncjata fis-17 ta' Novembru 2003 bis-sahha ta' liema giet michuda l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut fit-tieni Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu, ossia l-eccezzjoni tad-deserzjoni, u gie ordnat il-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali;

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-konvenut fl-14 ta' April 2005 permezz ta' liema talab li l-Qorti *in vista ta' l-informazzjoni li qed tinghata*, ossia li l-mertu tal-proceduri odjerni huwa ezawrit stante li già hemm decizjoni dwar il-hlas ta' l-imghazxijiet fuq is-self imsemmi, liema imghaxijiet jiffurmaw proprju l-mertu ta' din il-kawza – u cioè is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet "Angelo Attard et v. Anthony Attard et" Avviz Nru. 795/01 deciza fl-1 ta' Dicembru 2004 bis-sahha ta' liema l-konvenuti bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom u l-konvenut Anthony Attard anke sa' fejn jirrigwarda l-beni parafernali tieghu, gew ikkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm3,500 bl-imghax legali

dekoribbli mid-29 ta' Gunju 1996 – *u in vista tal-fatt li l-mertu ta' din l-kawza huwa ezawrit, tissosspendi l-ordni Taghha ghall-prezentata ta' noti ta' sottomissjonijiet u minflok tordna li l-partijiet ghandhom jaghmlu biss sottomissjonijiet dwar l-ispejjez*. Rat ir-Risposta ta' l-attur ghall-imsemmi Rikors li biha oppona ghat-talba tal-konvenut peress illi l-mertu ta' dawn il-proceduri huwa differenti mill-mertu tal-proceduri decizi bis-sentenza citata mill-konvenut stante li l-imghax mertu ta' dawn il-proceduri jkopri l-perijodu bejn id-29 ta' Novembru 1994 u t-28 ta' Gunju 1996. Rat id-Digriet datat 27 ta' Novembru 2006 li bih il-Qorti ddikjarat li l-mertu tal-proceduri odjerni ma giex ezawrit u ghalhekk ma ghandux jigi kkunsidrat *res judiciata*, u konsegwent cahdet it-talba tal-konvenut;

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-konvenut fl-14 ta' Novembru 2005 fl-atti tas-Subbasta bin-Numru 96/05 u esebit f'dawn il-proceduri permezz ta' Nota ipprezentata fil-15 ta' Novembru 2005, permezz ta' liema talab is-sospensjoni ta' l-imsemmija subbasta in kwantu permezz ta' Cedola ta' Depozitu huwa ddepozita taht l-Awtorità tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili s-somma komplessiva ta' Lm4,013.84, illum ekwivalenti ghal €9,349.73, rapprezentanti s-somma pretiza minn Angelo Attard u martu Margerita Attard u li tat lok ghall-imsemmija proceduri tas-Subbasta, liema somma setghet tigi liberalment zbankata minn Angelo Attard u martu;

Rat is-sentenzi fl-imijiet "Marlene Attard v. Anthony Attard" Citaz. Nru. 3209/96 u "Anthony Attard v. Maria Carmela sive Marlene Attard" Citaz. Nru. 3242/96, entrambe decizi mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Novembru 2004, esebiti mill-konvenuta Maria Carmela sive Marlene Attard permezz ta' Nota ipprezentata fit-3 ta' Marzu 2006;

Rat li waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2008 il-konvenut irtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici minnu sollevata fit-tieni Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu;

Rat is-sentenza in parte ta' l-4 ta' Gunju 2010 bis-sahha ta' liema gew michuda: (i) l-ewwel eccezzjoni sollevata

mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet originali tieghu; (ii) it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fit-tieni Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu; u (iii) l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha, u gie ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-meritu; bl-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tal-5 ta' Mejju 2011[1], tat-22 ta' Marzu 2012[2] u tal-15 ta' Mejju 2012[3] u rat id-dokumenti minnu esebiti a fol. 246, 257 u 258 tal-process u semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2011[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-atturi pprezentata fit-28 ta' Gunju 2012, in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuta pprezentata fl-24 ta' Lulju 2012 u n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-22 ta' Awwissu 2012;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-atturi konjugi Attard jitolbu li Anthony Attard u Maria Carmela sive Marlene Attard jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' Lm262.50, illum ekwivalenti ghal €611.46, rapprezentanti arretrati ta' imghax fuq is-somma ta' Lm3,500 li l-attur kien silef lill-konvenut, u dan a tenur ta' skrittura privata datata 29 ta' Novembru 1994[5].

Il-konvenuti Attard, u b'mod partikolari l-konvenut Anthony Attard, laqghu ghat-talba attrici b'diversi eccezzjonijiet izda llum, in segwitu ghaz-zewg sentenzi in parte tas-17 ta' Novembru 2003 – li biha giet michuda l-eccezzjoni tad-deserzjoni sollevata mill-konvenut bhala l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu fit-tieni Nota ta' l-

[1] Fol. 247 u 248 tal-process.
[2] Fol. 259 u 260 tal-process.
[3] Fol. 261A tal-process.
[4] Fol. 249 tal-process.
[5] Fol. 2 tal-process.

Eccezzjonijiet ipprezentata minnu – **u** ta' l-4 ta' Gunju 2010 – li biha gew michuda l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet originali tieghu, ossia l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-Avviz stante li l-kawza ma saritx minn mart l-attur ukoll u ma gietx intavolata wkoll kontra mart il-konvenut, u t-tieni u raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fit-tieni Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu, ossia n-nullità ta' l-azzjoni odjerna ghaliex ma saritx minn mart l-attur ukoll u ma gietx intavolata wkoll kontra mart il-konvenut, liema nullità ma gietx sanata bil-korrezzjonijiet awtorizzati bid-Digriet ta' l-4 ta' Gunju 1999, u n-nullità tas-self ghaliex in-nisa rispettivi ta' l-attur u tal-konvenut ma kienux involuti fl-istess slef hekk kif mehtieg mill-Ligi in kwantu att ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha, dak li ghandu issa jigi trattat u deciz b'din is-sentenza huwa **il-mertu tat-talba attrici** fid-dawl tal-**hames eccezzjoni sollevata mill-konvenut fit-tieni Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu**, ossia l-eccezzjoni li f'kull kaz l-ammont pretiz mhux dovut, u **tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta** fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha, u cioè li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma ghandha ebda obbligu lejn jew rabta ma' dak li qed jintalab bl-Avviz in ezami.

Ghal kull buon fini jigi osservat li t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet originali tieghu u cioè li kemm-il darba l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-Avviz minnu sollevata f'dik in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet kellha tigi michuda kellha tigi ccitata fil-kawza martu Maria Carmela sive Marlene Attard, illum tinsab kompletament sorvolata kemm bil-fatt li bid-Digriet ta' l-4 ta' Gunju 1999 l-istess Maria Carmela sive Marlene Attard zdiedet bhala parti f'dawn il-proceduri kif ukoll fid-dawl ta' dak ikkunsidrat u deciz minn din il-Qorti fis-sentenza ta' l-4 ta' Gunju 2010.

In kwantu rigwarda l-mertu tat-talba attrici jigi osservat li ghalkemm il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni generika li f'kull kaz l-ammont ta' Lm262.50, illum ekwivalenti ghal €611.46, mitlub mill-atturi ma huwiex

dovut, in verità huwa jibbaza d-difiza tieghu fuq l-allegat pagament tas-somma pretiza, u dana kif johrog car mix-xhieda li ta waqt is-seduti tal-5 ta’ Mejju 2011[6] u tat-22 ta’ Marzu 2012[7].

Fil-konsiderazzjoni ta’ din l-allegazzjoni sollevata mill-konvenut il-Qorti ghandha l-ewwel qabel kollox tkun sodisfatta mill-ezistenza tal-kreditu ta’ l-atturi fil-konfront tal-konvenuti Attard u dana stante li huwa principju guridiku assodat in materja li *l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa’ jimpera l-principju ‘actor non probante, reus absolvitur’* u li *ghalkemm kif dejjem jigi rilevat, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f’kaz ta’ dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibq’ fuq l-attur mill-bidu sa’ l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu*[8].

Fil-kaz in ezami huwa fatt ormai inkontestat li l-konvenut Anthony Attard kien issellef minghand huh Angelo Attard is-somma ta’ Lm3,500. Huwa fatt daqstant iehor inkontestat li fid-29 ta’ Novembru 1994[9] gie ffirmat fethim bejn l-ahwa Attard fejn Anthony Attard irrikonoxxa li huwa debitur ta’ Angelo Attard fl-ammont ta’ Lm3,500 rapprezentanti somma mislufa lilu, u l-ahwa Attard qablu li fuq l-ammont ta’ Lm3,500 kellu jiddekorri imghax bir-rata ta’ 5% b’effett mid-data tal-ftehim, ossia mid-29 ta’ Novembru 1994 u li l-ammont ta’ Lm3,500 kellu jithallas lura *appena jkun jista’ d-debitur*. B’sentenza fl-ismijiet “Angelo Attard et v. Anthony Attard et” Avviz Nru. 795/01 pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta’ Dicembru 2004[10], Anthony Attard u Maria Carmela sive Marlene Attard gew ikkundannati jhallsu lil Angelo Attard u martu Margerita Attard is-somma ta’ Lm3,500, bl-imghax

---

6 Fol. 247 u 248 tal-process.
7 Fol. 259 u 260 tal-process.
8 Ian Abela Fitzpatrick v. Web Trading Limited, Appell Civili 1752/01 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta’ Novembru 2003.
9 Fol. 2 tal-process.
10 Fol. 134 sa’ 138 tal-process.

legali dekoribbli mid-29 ta' Gunju 1996 u b'Digriet pronuncjat minn din il-Qorti fis-27 ta' Novembru 2006[11] gie stabbilit li l-mertu tal-proceduri in ezami jittratta dwar l-imghax fuq is-somma ta' Lm3,500 kalkolat mid-29 ta' Novembru 1994 sat-28 ta' Gunju 1996, liema imghax ma kienx jifforma parti mill-mertu tal-proceduri bl-Avviz Nru. 795/01 decizi bis-sentenza ta' l-1 ta' Dicembru 2004. Fid-dawl ta' dawn il-fatti il-Qorti hija sodisfatta mill-ezistenza tal-kreditu ta' l-atturi fil-konfront tal-konvenuti u ghalhekk issa ghandha tghaddi biex tara jekk tali kreditu – ammontanti ghal Lm262.50, illum ekwivalenti ghal €611.46 – bhala fatt thallasx, kif allegat mill-konvenut.

Huma principji assodati in materji li *ghall-prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali*[12] u li *hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti. Fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx, jekk ma jigix pruvat … b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt*[13].

Il-konvenut jissosstanzja l-allegazzjoni tal-hlas ta' l-ammont pretiz mill-atturi b'dawn il-proceduri bil-prezentata ta': (i) fotokopja ta' *bank draft* mahrug mill-Bank of Valletta p.l.c. fit-13 ta' Settembru 1996 ghall-ammont ta' Lm87.50 u ta' ittra datata 15 ta' Settembru 1996 minn liema jirrizulta li dak il-hlas jirrapprezenta sehem il-konvenut mill-imghax dovut fuq is-somma ta' Lm3,500 ghas-sena 1996[14]; u (ii) ta' *slip* li tikkonferma li fit-18 ta' Settembru 1996 inbaghtet ittra bil-posta regsitrata lil Angelo Attard[15]. In bazi ghal dawn id-dokumenti jikkontendi illi *fl-1993 jiena kont issellift is-somma ta' Lm3,500 minghand hija u dan*

---

[11] Fol. 202 sa' 208 tal-process.
[12] Ian Abela Fitzpatrick v. Web Trading Limited, Appell Civili 1752/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Novembru 2003.
[13] Andrew Dalli v. Michael Balzan noe, Citaz. Nru. 187/90 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003.
[14] Dok. "AA1" a fol. 258 tal-process.
[15] Fol. 257 tal-process.

*is-self kien sar brevi manu. Kont hallast imghax fuq dan l-ammont u fil-fatt bdejt inhallas mal-ewwel u fil-fatt domt inhallas sentejn u nofs inhallas is-somma ta' Lm172. Meta mbaghad bdiet il-procedura tas-separazzjoni bejni u bejn marti, kellna laqgha bejni u bejn hija ma' Dr. Libreri li kien jidher ghalina t-tnejn u kien sar ftehim verbali illi l-hlas lura tas-self kif ukoll il-hlas ta' l-imghax jinqasam nofs bin-nofs bejni u bejn marti. Dana kien ftehim verbali. Wara din il-laqgha jiena kont bghatt cekk b'covering letter lil hija fejn ergajt tennejt il-ftehim li kien intlahaq u fil-fatt ic-cekk kien ta' Lm78.50 u kien nofs l-imghax dovut ghas-sena 1996. Sa fejn naf jiena dan ic-cekk issarraf. Kienet saret kawza minn hija ghall-hlas ta' l-ammont quddiem il-Magistrat Dennis Montebello u l-imghax li kien inghata f'dik is-sentenza kien b'effett minn Gunju 1996 ghaliex l-imghax ghas-snin precedenti kien thallas. Hija ma kienx harigli ricevuti ghall-hlasijiet li kont ghamiltlu ghaliex billi din kienet kwistjoni bejn zewgt ahwa kollox baqa' minghajr kitba mill-bidu sa' l-ahhar. … Il-proceduri li instemghu quddiem il-Magistrat Montebello, it-talba ghall-hlas ta' l-imghax li ghamel hija kienet b'effett minn Gunju 1996. Sa' fejn naf jiena marti ma hallset assolutament xejn mill-ammont dovut lil hija u minkejja dak provdut fis-sentenza tal-Magistrat Montebello nghid li jiena lil hija hallastu l-ammont kollu tas-self illi hadt inkluz l-imghax fuqu. Jiena sa' llum hallast l-ammont ta' Lm7,500 u dana bejn kapital dovut u l-imghax*[16]*.*

Waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2012[17] il-konvenut mill-gdid iddikjara li *jiena kont issellift il-flus minghand hija fis-somma ta' Lm3,500 fi Frar ta' l-1993. Ghalkemm ma niftakarx id-data ezatta jidhirli li dan kien ghall-habta tal-15 ta' Frar. L-iskrittura bejni u bejn hija fir-rigward ta' dan is-self kienet saret bejn wiehed u iehor xi sena u xahrejn wara li jien issellift il-flus. Il-flus jien originarjament kont issellifthom brevi manu u wara li ghadda certu ammont ta' zmien kont jien stess li avvicinajt lil hija u ghedtlu biex naghmlu skrittura fir-rigward ta' dan is-self. L-ewwel pagament li jien ghaddejt lil hija kien fir-rigward ta' l-imghax fuq is-somma mislufa u dan kien f'Gunju ta' l-*

[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2011, fol. 247 u 248 tal-process.
[17] Fol. 259 u 260 tal-process.

*1994. Fir-rigward ta' l-imghax jien inhallsu l-imghax li ddekorra fuq il-kapital ta' kull sena. L-ewwel pagament li jien tajt lil hija kien l-imghax relattiv ghall-kapital. Il-hlasijiet jien kont naffetwhom fi flus kontanti u peress li ahna ahwa ma kienux jinhargu ricevuti, hekk kif fir-rigward tas-self ma kienitx saret skrittura. Il-pagament kif già ghedt kont naffetwah fi flus kontanti u kont jien personalment li nghaddih lil hija. Jien il-hlasijiet ta' dan l-imghax dejjem affetwajthom lil hija d-dar tieghu. It-tieni pagament dejjem fir-rigward ta' l-imghax sar ghall-habta ta' Gunju tas-sena ta' wara, jigifieri ta' l-1995. Il-pagament kien ta' Lm175. Fir-rigward ta' l-imghaxijiet nghid li hallast Lm175 ghal darbtejn, jigifieri fl-1994 u fl-1995. Meta gejt biex inhallas it-tielet sena kienu lahqu nqalghu l-problemi bejni u bejn il-mara tieghi u bdejna l-process ta' separazzjoni. L-avukat li kellna dak iz-zmien fil-fatt kien qal lil hija li s-self kien dovut lura nofsu minni u nofs mill-mara kif ukoll allura l-imghax relattiv. Fl-1996 jien kont bghatt pagament ta' nofs l-imghax lil hija u dan kont ghamiltu permezz ta' bankdraft b'ittra registrata*.

Il-Qorti tosserva però li d-dokumenti esebiti mill-konvenut u l-affermazzjonijiet minnu avvanzati waqt l-imsemmija seduti bl-ebda mod ma jwassluha ghall-konvinciment morali li huwa kien hallas imghax fuq is-somma ta' Lm3,500 ghall-perijodu bejn d-29 ta' Novembru 1994 u t-28 ta' Gunju 1996, u li ghalhekk l-ammont illum pretiz mill-atturi huwa kompletament imhallas.

Jibda biex jigi osservat li l-konvenut jikkontendi li l-ewwel pagament ta' imghax fuq is-somma mislufa effettwah f'Gunju ta' l-1994, izda mill-iskrittura privata datata 29 ta' Novembru 1994 jirrizulta li l-imghax fuq l-ammont misluf kellu jibda jiddekorri **mid-29 ta' Novembru 1994** u ma jirrizultax li fuq tali somma kien qed jiddekorri xi imghax minn zmien qabel jew li già kien thallas xi imghax sa' dak iz-zmien, dettalji dawn ferm importanti – partikolarment ghad-debitur – li jigu puntwalizzati fil-ftehim mal-kreditur. Il-konvenut jghid ukoll illi huwa hallas lill-attur is-somma ta' Lm7,500 bejn kapital u imghax, izda prova ta' dan ma tirrizultax. L-uniku hrug ta' flus li jidher li ghamel il-konvenut huwa dak ta' Lm4,013.84, liema somma giet

depozitata taht l-awtorità tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghall-fini li jigu sospizi l-proceduri ghall-bejgh in subbasta bin-Numru 96/05[18], proceduri dawn li ma skattawx in konnessjoni ma' jew b'effett tal-proceduri in ezami.

Il-konvenut jikkontendi wkoll – u dan jirribadih fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu[19] – li s-sentenza fl-ismijiet "Angelo Attard et v. Anthony Attard et" Avviz Nru. 795/01 pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Dicembru 2004, tikkonferma l-fatt li huwa kien hallas l-imghax fuq is-somma mislufa ghall-perijodu qabel id-29 ta' Gunju 1996. Minn ezami ta' l-imsemmija sentenza però tali allegata konferma ma tirrizultax. Bis-sentenza ta' l-1 ta' Dicembru 2004 il-konvenut u martu gew ikkundannati jhallsu lill-atturi imghax fuq is-somma ta' Lm3,500 b'effett mid-29 ta' Gunju 1996 **ghaliex hekk kienet it-talba fl-Avviz** u mid-Digriet moghti minn din il-Qorti fis-27 ta' Novembru 2006, ghal kollox injorat mill-konvenut, jirrizulta li l-imghax fuq l-ammont ta' Lm3,500 konteggjat mid-29 ta' Novembru 1994 sat-28 ta' Gunju 1996 – li huwa l-ammont pretiz b'dawn il-proceduri – **ma kienx jifforma l-mertu ta' dawk il-proceduri ghaliex l-atturi ma kienux talbuh**. Ir-raguni ghalfejn l-atturi ma talbux tali imghax fil-kawza deciza bis-sentenza ta' l-1 ta' Dicembru 2004 issa tirrizulta ovvja; dak l-imghax ma intalabx ghaliex kien già qed jigi mitlub b'dawn il-proceduri.

Il-konvenut jikkontendi wkoll li bil-mod kif xehed l-attur – u senjatament minhabba l-inkonsistenzi fix-xhieda tieghu – waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2011[20], jirrizulta evidenti li l-pretensjoni attrici ma hijiex kredibbli u li anzi hija ghal kollox frivola. Fil-fehma tal-Qorti però din il-kontestazzjoni tal-konvenut ma ghandhiex tigi milqugha.

Jigi osservat li ghalkemm l-attur ma kienx ghal kollox konsistenti f'certa risposti li ta, huwa kien kategoriku fl-affermazzjoni tieghu li qatt ma sarraf il-*bank draft* allegatament mibghut mill-konvenut f'Settembru ta' l-1996. Il-konvenut da parte tieghu ma ressaqx prova li

[18] Fol. 140 tal-process.
[19] Para. 2.2.6 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut.
[20] Fol. 249 tal-process.

sodisfacentement tikkuntrasta dak hekk kategorikament affermat mill-attur. In effetti l-konvenut jibbaza l-argument li dan il-pagament gie effettwat lil **u accettat** mill-attur fuq il-premessa, fil-fehma tal-Qorti ghal kollox zbaljata, li ladarba l-*bank draft* inbaghat bil-posta registrata dan zgur wasal ghand l-attur u la wasal ghand l-attur dan necessarjament sarrfu. L-islip esebita a fol. 257 tal-process tista' turi li l-*bank draft* inbaghat bil-posta registrata izda ma hijiex prova konklussiva li dak il-*bank draft* effettivament gie kkonsenjat lill-attur u wisq inqas hija prova li dak il-*bank draft* issarraf mill-attur.

Ghalkemm fix-xhieda tieghu l-attur iddikjara li jiftakar li l-konvenut gieli mar ghandu u hallsu xi imghaxijiet, minn imkien ma jirrizulta li dawn il-hlasijiet kienu ta' l-imghaxijiet mertu ta' dawn il-proceduri u ghalhekk ma jistax jigi prezunt li b'dik ir-risposta l-attur gie li rrikonoxxa li l-konvenut hallsu l-ammont minnu pretiz b'dawn il-proceduri.

Apparte dan kollu, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-konvenut ma ressaqx id-difiza tal-pagament permezz ta' eccezzjoni formali izda llimita ruhu li jissolleva tali allegazzjoni meta ta x-xhieda tieghu waqt is-seduti tal-5 ta' Mejju 2011 u tat-12 ta' Marzu 2012, ossia ben erbatax-il sena wara li gew istitwiti dawn il-proceduri u fi stadju tal-proceduri meta d-diversi ostakoli legalistici li huwa holoq ghall-prosegwiment tal-kawza u kontra s-success tat-talba attrici gew kollha rigettati minn din il-Qorti.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li l-allegazzjoni tal-pagament sollevata mill-konvenut ma gietx debitament ippruvata u ghaldaqstant, kuntrarjament ghal dak minnu eccepit bil-hames eccezzjoni sollevata fit-tieni Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu – u cioè li fi kwalunkwe kaz ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi – jirrizulta li l-ammont ta' Lm262.50, illum ekwivalenti ghal €611.46, ghadu bhala fatt dovut lill-atturi.

Trattata l-hames eccezzjoni sollevata mill-konvenut fit-tieni Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu, jehtieg issa tigi trattata t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fin-Nota

ta’ l-Eccezzjonijiet taghha, u cioè l-eccezzjoni li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma jezisti l-ebda obbligu u/jew rabta kif pretiz fl-Avviz.

Il-konvenuta tibbaza l-eccezzjoni taghha fuq dak deciz mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawzi relattivi ghas-separazzjoni personali bejnha u zewgha l-konvenut Anthony Attard fis-sentenzi fl-ismijiet “Marlene Attard v. Anthony Attard” Citaz. Nru. 3209/96 u “Anthony Attard v. Maria Carmela sive Marlene Attard” Citaz. Nru. 3242/96 entrambe pronuncjati fit-30 ta’ Novembru 2004. F’dawk is-sentenzi, fir-rigward tas-self li l-konvenut ha minghand l-attur, il-Qorti ddecidiet illi: *dwar l-allegat dejn ma’ Angelo Attard, hu l-konvenut dan ghandu ghar-ragunijiet fuq indikati jigi sopportat unikament mill-konvenut, inkluz kull sorte u spejjez gudizzjarji konsegwenti ghall-istess kawzi istitwiti mill-istess Angelo Attard, b’dan li jekk l-attrici tigi b’mod kostretta thallas xi ammont mill-istess, hija ghandha dritt ta’ rivalsa kontra l-istess konvenut, b’mod li din il-Qorti qed tordna lill-konvenut sabiex jikkumpensa lill-attrici f’dan ir-rigward u dan kollox kif inghad iktar ‘l fuq fl-istess sentenza* (sentenza “Marlene Attard v. Anthony Attard” Citaz. Nru. 3209/96)[21] u *illi dwar l-allegat dejn ma’ Angelo Attard, hu l-attur dan ghandu ghar-ragunijiet hawn fuq indikati u ghal dawk indikati fil-kawza fl-ismijiet inversi jigu sopportati unikament mill-attur, inkluz kull sorte u spejjez giudizzjarji konsegwenti ghall-istess kawzi istitwiti mill-istess Angelo Attard, b’dan li jekk il-konvenuta tigi b’xi mod kostretta thallas xi ammont mill-istess, hija ghandha dritt ta’ rivalsa kontra l-istess attur. B’dan il-mod il-Qorti qed tordna u tobbliga lill-attur sabiex jikkompensa lill-konvenuta f’dan ir-rigward u dan kollox kif inghad aktar ‘l fuq fl-istess sentenza hawn citata fl-ismijiet inversi* (sentenza “Anthony Attard v. Maria Carmela sive Marlene Attard” Citaz. Nru. 3242/96)[22].

Nonostante dak deciz mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-imsemmija sentenzi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta f’dawn il-proceduri ma tistax tigi milqugha ghaliex dak il-pronuncjament tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-

[21] Fol. 93 tal-process.
[22] Fol. 115 tal-process.

Familja) fil-kuntest tas-separazzjoni personali bejn il-konvenuta u l-konvenut jaghmel stat fil-konfront taghhom biss u bl-ebda mod ma jista' jeffettwa u wisq inqas ikun ta' pregudizzju ghall-pretensjonijiet ta' l-atturi kif dedotti f'dawn il-proceduri. Din l-osservazzjoni issib il-konferma taghha f'dak dispost fl-Artikolu 237 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta: *is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza*[23].

Ghalkemm illum il-konvenut u l-konvenuta huma separati, is-self ta' Lm3,500 u l-ftehim datata 29 ta' Novembru 1994 entrambe sehhew fiz-zmien meta hi u l-konvenut kienu ghadhom mizzewgin. Ghalhekk fir-rigward tal-pretensjoni attrici in ezami ghandhom jigu kkunsidrati w applikati l-provvedimenti tal-Ligi enuncjati fl-Artikoli 1322 *et sequitur* tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami japplika b'mod partikolari dak dispost fl-Artikolu 1326(5) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta f'xi att li jkun jehtieg il-kunsens tal-parti l-ohra u li jkun dwar mobbli, parti tagixxi wahedha, il-parti l-ohra ma tkunx tista' titlob annullament ta' l-att; meta izda, il-parti l-ohra ma tkunx ratifikat dak l-att, espressament jew tacitament, dik il-parti tkun tista' tiehu azzjoni biex iggieghel lill-parti li tkun agixxiet wahedha tirreintegra l-komunjoni ta' l-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, taghmel tajjeb ghad-danni li jkun ggarbu.*

Fid-dawl ta' dan appena osservat jirrizulta li nonostante dak deciz mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kuntest tas-separazzjoni personali bejn il-konvenuta u l-konvenut, l-istess konvenuta xorta wahda hija u tibqa' responsabbli, flimkien mal-konvenut, versu l-atturi ghall-hlas tas-somma ta' Lm262.50, illum ekwivalenti ghal €611.46 u ghalhekk ma jistax jinghad li ma jezisti ebda obbligu jew rabta kif pretiz fl-Avviz promotur. Konsegwentement ghalhekk it-

---

[23] Vide wkoll "Kontrollur tad-Dwana v. Philip Agius & Sons Limited et" Appell Civili Nru. 1854/02 deciza fit-12 ta' Jannar 2005.

tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha, fis-sens li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, ghandha tigi michuda.

In fine jigi osservat li l-atturi jitolbu li fuq is-somma ta' Lm262.50, li kif inghad tirrapprezenta imghax fuq is-somma ta' Lm3,500 kalkolat mid-29 ta' Novembru 1994 sat-28 ta' Gunju 1996, jiddekorri imghax legali b'effett mill-1 ta' Jannar 1997 sad-data ta' l-effettiv pagament. Fir-rigward ta' din it-talba ssir referenza ghall-Artikolu 1142 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *l-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu imghaxijiet ohra, sew bis-sahha tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dakinhar inhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena*. Minn dan id-dispost tal-Ligi jorhog car li t-talba ta' l-atturi ghall-imghax legali fuq is-somma ta' Lm262.50, illum ekwivalenti ghal €611.46, hija gustifikata izda tali imghax ghandu jigi kalkolat mill-4 ta' Gunju 1999, id-data tad-Digriet li bih gie awtorizzat li jizdiedu Margerita Attard u Maria Carmela sive Marlene Attard bhala partijiet f'dawn il-proceduri, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad il-hames eccezzjoni sollevata mill-konvenut fit-tieni Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu u tichad ukoll it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti Anthony Attard u Maria Carmela sive Marlene Attard sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' €611.46, ekwivalenti ghal Lm262.50, bl-imghax legali dekoribbli mill-4 ta' Gunju 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk konnessi mas-sentenza in parte moghtija fl-4 ta' Gunju 2010, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti Anthony Attard u Mary Carmela sive Marlene Attard. In kwantu rigwarda l-ispejjez konnessi mas-sentenza in parte moghtija fis-17 ta' Novembru 2003, dawn ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Anthony Attard wahdu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------